MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2011

Mandat Numru. 914/2011/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C-3177)**

**vs**

**Peter Paul Abela (detentur ta’ l-karta ta’ l-identita` bin-numru 931547 (M)) u martu Rose Abela (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` bin-numru 282047 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat il-mandat fuq indikat datat is-7 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu il-Bank rikorrenti fuq riferit talab il-hrug tal-mandat in dizamina fil-konfront tal-intimati Abela fuq riferiti sabiex jinzammu milli jbieghu, jnehhu, jitrasferixxu u/jew jiddisponu mill-proprjetajiet kif indikati fl-istess rikors promotur;

Rat id-digriet provizorju taghha datat is-7 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess ghas-smiegh ghall-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2011, fil-hin indikat fl-istess digriet;

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu jirrizulta li r-rapprezentant legali tal-intimati Abela ipprezenta d-debita risposta, ghadda kopja tal-istess lir-rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti, u fejn ir-rikors de quo kien differit ghall-udjenza indikata fl-istess digriet ghat-trattazzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-11 ta' Lulju, 2011;

Rat ir-replika tal-Bank rikorrenti datata d-29 ta' Lulju, 2011;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-intimati fejn wara li rrileva li l-istess Bank ma kienx debitament awtorizzat jipprezenta ir-replika de quo, l-intimati ghazlu li ma jissollevawx it-talba ghall-isfilz tal-istess u li kienu ser jirrispondu verbalment ghall-istess fit-trattazzjoni finali;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. Illi l-Bank rikorrenti qed jivvanta kreditu ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u wiehed u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmu, (€22,391.58), oltre l-imghaxijiet inkorsi mit-8 ta' Marzu, 2011;

2. Illi dan l-ammont hu wiehed komplessiv naxxenti minn zewg facilitajiet bankarji, senjatament wahda "Flexicredit Loan", u ohra "Credit Card Facilities", rispettivament bin-numri 073-026171-300 u 061-065363-340 kif jidher mid-dokumenti a fol 35 u 36 tal-atti;

Ikkunsidrat:

Illi fir-risposta taghhom l-intimati irrespingew it-talba tal-bank rikorrenti sintetikament bil-mod segwenti:

1. Illi l-mandat de quo hu null stante li ma gewx osservati l-elementi rikjesti mill-ligi rigwardanti l-partikolaritajiet necessarji mitluba biex jigu individwati l-intimati;

2. Illi t-talba li l-intimati jigu inibiti milli jitrasferixxu s-sehem indiviz indikat hi improponibbli stante li l-intimati m'humiex proprjetarji tal-istess;

3. Illi ma tressqet l-ebda prova mill-Bank rikorrenti rigwardanti t-talbiet tieghu fir-rikors promotur;

4. Illi l-ammont mitlub qed jigi ukoll kontestat;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament l-ewwel ghandha tigi vestita l-eccezzjoni tal-intimati rigwardanti in-nullita` ta' din il-procedura stante in-nuqqasijiet indikati mill-istess intimati fir-risposta taghhom;

Illi in sintesi l-procedura odjerna tirrigwarda l-allegata possibilita` ta' " … bejgh, … trasferiment jew tnehhija ta' proprjeta` immobbli", (ara artikolu 874 (2) tal-Kap 12;

Illi l-artikolu indikat fil-paragrafu precedenti tassattivament jistabbilixxi s-segwenti:

" … ir-rikors, (ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni), ghandu jkun fih il-partikolarijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinhareg kontriha u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta` immobbli minn dik il-persuna fir-Registru Pubbliku …dwar noti tal-iskrizzjoni, jigifieri li din ghandha ssehh b'referenza ghad-data geografika in kwistjoni";

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tar-rikors promotur ghandu jirrizulta pacifiku li dawn id-dettalji meqjusa necessarji mill-ligi de quo, ma gewx osservati u konsegwentement in-nullita` rikjamata mill-intimati tirrizulta palezi;

Illi tenut kont tan-nuqqas t’osservanza tal-imsemmi artikolu 874 tal-Kap 12, tilqa` l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u konsegwentement tirrevoka *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat is-7 ta’ Lulju, 2011;

Illi in vista tal-premess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------